16 ta' Ġunju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Rosaria Grima ne. *versus* Carmelo Galea

**Paternità Naturali.**

*Il-massima segwita u adottata mit-tribunali maltin f'materja ta' filjazzjoni naturali hija illi, fl-indaġini tal-paternità naturali, hemm bżonn li jikkonkorru tliet kondizzjonijiet, jiġifieri:— 1. Illi fiż-żmien prossimu għall-konċepiment, dak li lilu tkun attribwita l-paternità kellu kummerċ karnali ma' l-omm tat-tarbija; 2. Illi l-omm, fiż-żmien fuq imsemmi, ma kellhiex relazzjonijiet ma' ħadd ieħor; 3. Illi fl-istess żmien, u anki preċedentement, hija tkun ġiebet ruħha b'mod tali li tkun eskluża l-possibilità morali li hija kellha relazzjonijiet ma' ħadd ieħor.*

*Il-kelma "preċedentement" użata fil-ġurisprudenza maltija, a propożitu tat-tielet rekwiżit, ġiet interpretata bħala li tirriferixxi għal żminijiet viċini għaż-żmien tal-konċepiment, u mhux għal kwalunkwe żmien anterjuri.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi nomine talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, peress illi l-minuri Carmelo fuq imsemmi twieled fl-10 ta' Awissu 1949 mill-istess instanti (dok. A) mir-relazzjonijiet illeċiti tagħha mal-konvenut, li l-istess konvenut jiġi minn din l-Onorabbli Qorti dikjarat missier naturali ta' l-imsemmi minuri Carmelo, u kundannat iħallas lill-attriċi nomine, għall-manteniment u ż-żamm ta' l-istess minuri, pensjoni alimentarja fil-mod, żmien u kwantità li jiġu fissati minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż u b'riżerva ta' drittijiet oħra kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Mejju 1951, li biha ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-atti jiet tal-kawża jriżulta li fl-10 ta' Awissu 1949 l-attriċi, li hija xebba, kellha, fl-Isptar ta' Ċini, il-Ħamrun, it-tarbija li lilha ġie mogħti l-isem ta' Carmela* (dok. A fol. 4), liema tarbija ġiet imniżżla bħala tifla ta' missier mhux magħruf u ta' l-attriċi li qiegħda tattribwixxi l-paternità tagħha lill-konvenut. Dan l-aħħar imsemmi, in oppożizzjoni għattalba ta' l-attriċi, u in proprja difeża, eċċepixxa l-"concursus plurium";

Illi in tema legali jingħad, kif ġie kostantement deċiż mill-Qrati Tagħna "in subjecta materia", illi sabiex tirnexxi l-azzjoni bħal dina proposta huwa meħtieġ il-konkors rigoruż u strett ħafna ta' tliet kondizzjonijiet, u ċjoè (1) li fiż-żmien viċin għall-konċepiment il-persuna li lilha tkun attribwita l-paternità naturali kellha x'taqsam karnalment ma' l-omm tat-tifel jew tfal illeġittimi, (2) li l-omm f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam karnalment ma' ħadd ieħor barra mill-persuna indikata bħala l-awtur ta' wliedha, u (3) li fl-istess epoka u żmien preċedenti hija tkun żammet ruħha bħala mara tal-qalbu, b'mod li teskludi moralment il-possibilità li hija kellha, jew seta' kellha, relazzjonijiet illeċiti ma' ħadd ieħor barra mill-persuna indikata;

Illi minn dana jitnissel li l-provi tal-kostumi faċili ta' l-omm u tal-ħajja debuxxata tagħha fi żmien anterjuri għall-konċepiment, jew fi żmien viċin, huma biżżejjed sabiex tiġi eskluża, jew almenu mħawda, il-prova tal-paternità. Din l-istess prova mhux biss tiġi kompletament eskluża jekk jiġi pruvat li fiż-żmien tal-konċepiment, jew f'epoka viċina ħafna għal dak iż-żmien, jiġi pruvat li l-omm tkun kellha rapporti illeċiti ma' rġiel oħra barra mill-persuna deżinjata indikata minnha bħala l-awtur tat-tarbija;

Illi mid-depożizzjoni ta' l-attriċi jirriżulta li hija, xi sentejn u nofs qabel ma xehdet (id-depożizzjoni tagħha tatha fit-13 ta' April 1951) bdiet tinnamra mal-konvenut..........;

Illi kwindi t-talba attriċi, "juxta alligata et probata", ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi nomine, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmi-

ja, u li jigu milqugħa d-domandi tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Ma hemmx dubju li l-massima segwita u adottata mit-tribunali Maltin (P.A. Civili Vol. X, p. 218; App. Vol. X, paġ. 451; "Privitera vs. Meli", 20. 1. 1899; "Farrugia vs. Borg" 28. 4. 1909; "Camilleri vs. Scicluna" 21. 11. 19; "Zahra vs. Schembri" 12. 12. 19; "Mifsud vs. Turnbull" 28. 4. 20; "Sciberras vs. Cassar" 9. 6. 20; "English vs. Gatt" 1. 6. 21) hija 'lli fl-indaġini tal-paternità naturali hemm bżonn il-konkors ta' tliet kondizzjonijiet: (1) illi fi żmien prossimu għall-konċepiment dak li lilu tkun attribwita l-paternità kellu kummerċ karnali ma' l-omm tat-tarbija illeġittima; (2) li l-omm, fiż-żmien fuq imsemmi, ma kellhiex relazzjonijiet ma' ħadd ieħor; (3) illi fl-istess żmien, u anki preċedentement, hi tkun ġiebet ruħha b'mod tali li tkun eskluża l-possibilità morali li hi kellha relazzjonijiet ma' ħadd ieħor. Il-kelma "preċedentement", użata f'dawn is-sentenzi għap-propożitu tat-tielet rekwiżit, ġiet interpretata bħala li dejjem tirriferixxi għal żmienijiet viċini għaż-żmien tal-konċepiment (App. "Vella vs. Caruana", 7. 2. 30; App. "Borg vs. Gulia", 30. 6. 33), u mhux għal kwalunkwe żmien anterjuri;

Issa mill-provi f'dan il-każ deher li l-attriċi kellha relazzjonijiet karnali ma' rġiel oħra fi żmien viċin għaż-żmien tal-konċepiment. Infatti x-xhieda..............;

Għalhekk hemm f'dan il-każ provi sufficjenti biex juru li, fi żmien viċin għall-konċepiment, l-attriċi kienet qiegħda tippresta ruħha lil irġiel oħra minbarra l-konvenut, apparti li l-kondotta tagħha ma' l-irġiel kienet ħażina. Għalhekk il-prova tal-paternità hija ferm intorbidita, u l-konvenut laħaq il-prova tal-"concursus plurium" ossija "turbatio sanguinis";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell ta' l-attriċi nomine, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attriċi nomine.